

(1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li, bħar-regola magħrufa bħala r-regola tas-67 sena, twassal għal differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età tista' tiġi ġġustifikata meta l-oġġettivi jew l-għanijiet tagħha ma jirriżultaw la mil-kuntest tal-adozzjoni tagħha u lanqas minn xi fattur ieħor?

(2) Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-età tal-irtirar li, bħar-regola magħrufa bħala r-regola tas-67 sena, tapplika għal kulħadd u li, b'mod partikolari, b'ebda mod ma tieħu inkunsiderazzjoni l-livell tal-pensjoni ta' rtirar li ser tirċievi l-persuna kkonċernata, tmur lil hinn minn dak li huwa utli u xieraq sabiex jintlaħqu l-oġġettivi u l-għan imfittxa?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Mestre (l-Italja) fl-24 ta' Marzu 2011 — Proċeduri kriminali kontra Asad Abdallah

(Kawża C-144/11)

(2011/C 152/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di pace di Mestre

Parti fil-kawża prinċipali

Asad Abdallah

Domandi preliminari

- (1) Id-Direttiva 2008/115/KE (¹) tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik tal-Artikolu 10a tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-25 ta' Lulju 1998, li tqis bħala reat, punibbli b'multa ta' bejn EUR 5 000 u EUR 10 000, is-sempliċi dħul jew waqfa fit-territorju nazzjonali, bi ksor tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni, ta' ċittadin ta' pajjiż terz?
- (2) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2008/115/KE jista' jiġi interpretat fis-sens li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-garanziji previsti mill-imsemmija direttiva l-espulsjoni ordnata bħala sanzjoni sostitutiva, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 16(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-25 ta' Lulju 1998, wara li jiġi kommess tip ta' reat li jippenalizza s-sempliċi dħul jew waqfa fit-territorju nazzjonali, bħal dak previst fl-Artikolu 10a tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-25 ta' Lulju 1998?

(¹) Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (ir-Renju Unit) fil-25 ta' Marzu 2011 — Secretary of State for Work and Pensions vs Lucja Czop

(Kawża C-147/11)

(2011/C 152/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Upper Tribunal

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Secretary of State for Work and Pensions

Konvenuta: Lucja Czop

Domandi preliminari

F'ċirkustanzi fejn rikorrenti:

- (a) hija ċittadina tal-Polonja;
- (b) ġiet fir-Renju Unit qabel pajjiżha ssieħeb fl-UE;
- (ċ) stabbilixxiet ruħha bħala persuna li taħdem għal rasha fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE (ex Artikolu 43 KE);
- (d) baqgħet hemm, u komplet taħdem għal rasha, wara l-adeżjoni;
- (e) ma għadhiex taħdem għal rasha; u
- (f) għandha l-kura primarja ta' minuri li ġie fir-Renju Unit u segwa l-edukazzjoni ġenerali wara l-adeżjoni u wara li ma baqgħetx stabbilita bħala persuna li taħdem għal rasha,

ir-rikorrenti għandha dritt tirisjedji fir-Renju Unit abbażi tal-fatt li (individwalment jew kumulattivament):

- (a) japplika r-Regolamaent 1612/68 (¹), flimkien mar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Baumbast u R vs Secretary of State for the Home Department (Kawża C-413/99) [2002] Ġabra p. I-7091, London Borough of Harrow vs Ibrahim (Kawża C-310/08) u Teixeira vs London Borough of Lambeth (Kawża C-480/08);
- (b) jeżisti prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE li jekwivali l-pożizzjoni ta' impjegati u ta' persuni li jaħdmu għal rashom;
- (ċ) ikun jimpedixxi jew jipprevjeni l-libertà tal-istabbiliment jekk l-applikanti ma kellhiex id-dritt li tirisjedji?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15